MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 2079/2000/1

**Malta Football Association.**

**-vs-**

**Emmanuel Portelli.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-28 ta'Settembru 2000, li permezz taghha is-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi l-konvenut huwa debitur tal-attrici fl-ammont ta' sbatax-il elf sitt mija u sitta u erbghin Lira Maltin u tnejn u disghin

centezmu (Lm17,646.92), in kwantu sittax-il elf Lira Maltin (Lm16,000) bhala korrispettiv ai termini tal-ftehim datat 3 ta’ Novembru 1997 u dan ghall-istagun tas-sena 1999 – 2000 skond kif jidher mill-imsemmi ftehim hawn anness u esibit u mmarkat bhala Dok. A, u in kwantu l-ammont ta’ mitejn u tnejn u disghin lira maltin u sebghin centezmu (Lm292.70) rapprezentanti bilanc dovut skond l-ammont ta’ spettaturi ghall-istagun 1998 – 1999 u in kwantu l-ammont ta’ elf tlett mija u erbgha u hamsin lira maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm1354.22) dovut skond l-ammont ta’ spettaturi ghall-istagun 1999 – 2000 u dan stante ftehim tal-11 ta’ Settembru 1997 fejn hemm stipolat li l-konvenut ghandu jhallas zewg centezmi (0.02c) ghal kull spettatur li jeccedi l-ammont ta’ mitt elf spettatur f’kull stagun partikolari, liema numru ta’ spettaturi jirrizulta mill-anness Dok. D ghall-istagun 1998 – 1999 u mill-anness Dok. E ghall-istagun 1999 – 2000.

Illi l-konvenut baqa’ ma hallasx dan l-ammont minkejja li gie diversi drabi interpellat biex jaghmel dan sahansitra permezz ta’ ittra ufficjali datata 1 ta’ Marzu 2000.

Illi dan l-ammont hu cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tal-attrici, il-konvenut ma ghandhu ebda eccezzjoni x’jissolleva kontra l-pagament ta’ l-istess.

Illi, ghaldaqstant, ghal dawn il-proceduri huma applikabbli d-dispozizzjonijiet ghad-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikoli 167 et seq. tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tikkundannah illi jhallas lis-socjeta’ attrici, is-somma ta’ sbatax-il elf sitt mija u sitta u erbghin Lira Maltin u tnejn

u disghin centezmu (Lm17,646.92), lilha dovuti kif fuq premess u dan bid-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur ta' l-artikoli 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorji, u interessi kummercjali skond il-Ligi sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa minn Dr. Joe Mifsud ID 690650(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet pprezentata fil-5 ta' Frar 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi ghad li mill-premessi u t-talbiet tac-citazzjoni jidher li l-Assocjazzjoni attrici riedet tipprocedi bil-procedura a tenur tal-Art. 167 et seq. tal-Kodici tal-Procedura Civili, c-citazzjoni li gie notifikat biha il-konvenut fiha fuq il-faccata taghha ordni tal-Qorti sabiex min jircevieha ghandu jipprazenta Nota ta' Eccezzjonijiet fi zmien ghoxrin (20) jum mid-data tan-notifika altrimenti il-Qorti tghaddi ghad-decizjoni, u ghalhekk in ottemperanza ta' din l-ordni il-konvenut qed jipprezenta din in-Nota ta' Eccezzjonijiet tieghu.

2. In linea preliminari l-Assocjazzjoni attrici trid tipprova li l-Avukat Joe Mifsud ghandu r-rapprezentanza u l-awtorita' skond l-Istatut tal-Malta Football Association biex seta' jipprezenta c-citazzjoni odjerna billi altrimenti c-citazzjoni odjerna billi altrimenti c-citazzjoni tkun nulla.

3. In linea preliminari ukoll il-gudizzju mhux integru billi l-ftehim tat-3 ta' Novembru 1997 gie kuntratt u iffirmat

oltre mill-kontendenti ukoll mill-M.F.A. Grounds Management Board liema Board mhux parti minn dawn il-proceduri u ghalhekk il-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

4. Illi fil-meritu l-ammont mitlub ta’ sittax-il Lira (Lm16,000) mill-Assocjazzjoni attrici huwa kontestat stante li fl-istagun tal-1999/2000 gie totalment demolit il-‘Valletta side’ ta’ l-Istadju Nazzjonali fejn il-konvenut kellu il-Bar principali u l-aqwa sors tal-‘income’ tieghu u minhabba f’hekk il-konvenut tilef hafna bejgh u ghalhekk sofra danni li ghalihom qieghed jaghmel kontro-talba biex jigi rizercit ghall-istess danni.

5. Illi inoltre u dejjem fil-meritu dan l-istess ammont fuq imsemmi mhux dovut ghar-raguni li l-Assocjazzjoni attrici kissret il-kuntratt billi beda jsir bosta loghob tal-kampjonat tal-Football organizzat mil-Malta Football Association fi Stadiums ohra u cioe’ f’dak tal-Hamrun, ta’ Korradino, fic-Centenary Stadium u fil-‘ground’ ta’ Ghawdex b’konsegwenza li l-konvenut sofra telf ta’ qliegh ghal-liema telf huwa qed ifittex lill-Assocjazzjoni attrici fil-kontro talba li qed iressaq.

6. Illi l-Assocjazzjoni attrici kissret ukoll il-ftehim billi ippermettiet bejjiegha ohra li jbieghu oggetti ta’ l-ikel u xorb fil-‘car park’ ta’ l-Istadium b’dannu ghall-istess konvenut u anke l-Assocjazzjoni attrici kienet thalli lill-ispettaturi johorgu liberament sabiex jixtru mill-vendituri u ghalhekk qed ifittex ukoll permezz tal-kontro talba.

7. Illi fil-meritu ukoll l-ammonti ta’ mitejn tnejn u disghin lira u sebghin centezmi (Lm292.70c) u elf tlett mija erbgha u hamsin lira u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm1354.22c) pretizi mill-Assocjazzjoni attrici qed jigu kontestati stante li l-figuri ta’ spettaturi ghall-istagun

1998/1999 u 1999/2000 ma jammontawx ghal dawk li qed jippretendu li kienu l-istess Assocjazzjoni attrici.

8. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Frar 2004 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenut wara li l-Avukati trattaw dwar l-istess eccezzjonijiet.

Ikkunsidrat.

Illi l-ewwel il-konvenut qed jeccepixxi li l-Avukat Dottor Joe Mifsud ma setax jippresenta l-kawza imsemmija ghaliex ma ghandhux l-awtorita’ jaghmel dan.

Fil-verita’ il-kawza saret mill-MFA izda billi skond il-Kodici tal-Procedura irid ikun hemm xi hadd li jahlef id-dikjarazzjoni annessa mic-citazzjoni, kien l-istess Dottor Mifsud li ghamel dan. Billi mid-dokument JM1 jirrizulta li r-rappresentanza guridika hija vestita fil-President u skond il-Kodici tal-procedura l-attur irid jippresenta dikjarazzjoni guramenata mac-citazzjoni il-Qorti ma ssib certament xejn hazin illi l-President ta’ korp li qed jippresenta c-citazzjoni jahlef din id-dikjarazzjoni.

It-tieni eccezzjoni hija fis-sens li l-konvenut ftiehem mal-MFA Grounds Management Board u mhux mal-MFA u kwindi ic-citazzjoni kiellha tigi proposta mill-istess Board. Madankollu esami anke superficjali tal-iskrittura li a bazi taghha saret ic-citazzjoni tindika car li l-iskrittura saret kemm mal-Board u kemm mal-MFA. Infatti il-president u tezorier tal-MFA dehru fuq l-iskrittura ghan-nom sija tal-Board u sija tal-MFA. Il-fatt li l-Board mhux parti mill-proceduri ma jannullax il-proceduri

ghax jidher car mill-iskrittura illi l-konvenut obliga ruhu fil-konfront tal-Board u tal-MFA u billi din kienet palesament

operazzjoni kummercjali, hemm is-solidarjeta’ bejn il-kredituri.

Barra minn dan jidher li l-Board fil-fatt u organu tal-istess MFA u ghalhekk fil-fatt kellha tkun l-assocjazzjoni li tharrek.

**Ghaldaqstant il-Qorti tichad it-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-konvenut u tordna li l-kawza titkompla.**

**Spejjes riservati ghall-gudizzju finali.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------